# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 268/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**A&A Condominium Services, Rene Savona Ventura, Malcolm Licari, Noel Bonnici, Martin Bondin, Alexandra Micallef, Robert Spiteri, Johann Cassar, Victoria Spiteri, Mark Fitzgerald**

**Vs**

**Portofino Developments Limited u**
**Kieran Lee Borg**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni preżentat fl-24 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu r-rikorrenti, bħala amministratur u uħud mis-sidien tal-blokk ta' appartamenti 'St Paul's Court", San Pawl il-Baħar, talbu lill-Qorti sabiex:

   "iżommu lill-intimati milli jiskavaw, jibnu u jiżviluppaw l-areas of common utility u r-reserved areas tal-kumpless ta' appartamenti bl-isem ta' "St Paul's Court", ġewwa San Pawl il-Baħar jew li jibnu skond il-pjanti fl-applikazzjoni mumru PA 1093/15, jew kwalunkwe applikazzjoni oħra jew permessi oħrajn u dan sakemm il-meritu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti jista' jiġi deċiż mill-Qorti f'kawża appożita"

2. Rat illi r-rikorrenti insistew illi "jekk isir xi żviluppp ser ikun diffiċili ferm li dan imbagħad jittreġġa lura, anke jekk ikun hemm ordni f'dan is-sens mill-Qorti"

3. Rat illi fl-24 ta' Frar 2022, il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament u appuntat ir-rikors għas-smigħ għat-3 ta' Marzu 2022.

4. Rat illi l-intimati ġew innotifikati bl-affissjoni u pubblikazzjoni fit-30 ta' Marzu 2022.

5. Rat illi l-intimati Portofino Developments Limited u Kieran Lee Borg irrispondew fit-12 ta' April 2022 fejn qalu illi ma kinux il-leġittimi kontradittjuri stante illi huma ma humiex involuti fl-iżvilupp u ma huma ser jagħmel ebda żvilupp.

6. Rat illi fl-10 ta' Mejju 2022, bi qbil mal-partijiet kollha, ir-rikors ġie differit għat-trattazzjoni finali għall-25 ta' Marzu 2022.

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fil-25 ta' Mejju 2022.

8. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2022 il-kawża ġiet differita għallum għal digriet finali.

9. Tosserva illi, mid-dokumentazzjoni eżebita u t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet, kif ukoll mis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-istess, illi jirriżulta illi r-rikorrenti huma propretarji ta' fond ġewwa San Pawl il-Baħar, bl-isem ta' "St Paul's Courts", illi jistgħu jiġu effettwati negattivament bi żvilupp maħsub f'partijiet komuni tal-appartamenti u żona riservata quddiem tal-korp ta' bini, liema żvilupp huwa kopera minn permess nru 1093/15.

10. Tosserva illi huwa ċar illi, jekk l-iżvilupp iseħħ, il-posizzjoni tar-rikorrenti tista' tiġi leża b'mod irriversibbli.

11. Tosserva illi, għalkemm l-intimati jisħqu illi huma ma humiex il-leġittimi kontradittjuri, jirriżulta illi l-istess Kieran Lee Borg, direttur tas-soċjeta' Portofino Developments Limited, kien assidwament involut f'diskussjonijiet u negozjati mar-rikorrenti in konnessjoni ma' tali żvilupp.

12. Jirriżulta, għalhekk, illi, fuq bażi ta' prima facie, jidher ċar illi l-elementi meħtieġa sabiex jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni ġew ampjament ippruvati u għalhekk jimmerita illi jiġi akkordat b'mod definittiv.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fl-24 ta' Frar 2022 billi:

**Filwaqt li tikkonferma** l-effetti tad-digriet proviżorju tagħha tal-24 ta' Frar 2022;

**Tilqa'** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt b'mod definittiv.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**